MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 357/2003

**Avv. Dr Philip u Caroline konjugi Galea**

**Vs**

**Alitalia – Linee Aeree Italiane Spa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm200.00c (mitejn lira Maltin) rappresentanti prezz ta' zewg biljetti ta' l-ajru li s-socjeta' konvenuta naqset tirrifondi lill-atturi wara li l-istess titjira ma saritx u wara li s-socjeta' konvenuta naqset tipprovdi l-atturi bl-alternattiva ragonevoli, tant li l-atturi kienu obbligati jsibu mezz iehor biex jaslu Malta.

Ra d-dokumetni esebiti.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta tghid:
1. Illi d-dritt tal-azzjoni fic-cirkostanzi odjerni huma naxxenti minn kuntratt u mhux minn xi dritt naturali u/jew

ta’ xi xorta ohra w ghalhekk l-actio de in rem verso mhix l-azzjoni idonea fic-cirkostanzi.

2. Illi hawn si tratta ta’ force majeure peress illi r-raguni ghaliex it-titjira odjerna ma sehhitx, kienet minhabba azzjoni industrijali mehuda mill-air traffic controller fl-ajruport barra minn Malta u mhux ghal-raguni inputabbli li s-socjeta’ konvenuta.

3. Illi t-tip ta’ biljett mixtri mill-atturi huwa non-refundable.

4. Illi ma kien hemm l-ebda arrikkiment ingust.

Illi bi qbil bejn il-partijiet il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni. Saret it-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.

Illi f’din il-kawza l-atturi m’humiex qed jezercitaw l-azzjoni “ex contractu” imma invece l-azzjoni sussidjarja “de in rem verso”, li hija koncessa propju f’dawk il-kazijiet meta mhix esperibbli l-azzjoni ex contractu. (ara Mattcoks et Vs McKeon 15/9/1989 CS Kummerc).
Illi fit-trattazzjoni orali tal-partijiet deher li kien hemm qbil li l-atturi ma setghux jibbazaw il-kawza fuq il-kuntratt bejn il-partijiet.

Ghalhekk anki ghaliex dan it-Tribunal jrid jiddeciedi l-kawza ukoll a bazi ta’ ekwita, t-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------